MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 109/2004

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“ Ghid int konvenut ghaliex ma ghandekx tigi kkundanat tirrifondi lill-attur l-ammont kollu ta’ kera u konsum ta’ telefon fuq in-numru 21556983 fil-fond “Gourmet Bar & Restaurant”, Rabat Road Xlendi ghall-perijodu kollu wara l-1992 sa’ meta inqata dak in-numru peress illi l-gestjoni tan-negozju f’dak il-fond kienet unikament f’idejk u f’idejn hadd wara wara l-1992; kif ukoll thallas lill-attur l-ispejjez gudizzjarji kollha tal-avviz Nru. 126/1997 illi huwa kellu jhallas skond is-sentenza tal-Qorti tad-9 ta’ Dicembru 2004 ghall-istess raguni.

Bl-ispejjez gudizzjarji kontra tieghek u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

“Il-konvenut qieghed jikkontesta t-talba tal-attur stante:

1. Preliminarjament il-preskrizzjoni ai termini tal-kodici civili (Kap 16) u senjatament il-preskrizzjoni kwinkwenali ai termini ta' l-artikolu 2156 (f) tal-kodici civili.
2. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju it-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt u l-ammont mitlub mhux dovut mill-konvenut.
3. In oltre, fil-meritu, ghal dak illi jirrigwarda l-ispejjez gudizzjarji relattivi ghall-attur skond is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tad-9 ta' Dicembru 2004 u fi kwalinque kaz anki l-ispejjez gudizzjarji fil-konfront tal-konvenut billi kien il-konvenut li talab li jigi kjamati fil-kawza Savio Spiteri u Gourmet Company Limited u dawn gew illiberati mill-istess Qorti.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-verbal tas-seduta tal-Hamis, 29 ta' Settembru li permezz taghha l-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni cioe' dik tal-preskrizzjoni kwinkwennali skond id-disposizzjonijiet tal-artiklu 2156(f) ta' Kap 16.

Illi l-kreditu reklamat mill-attur twieled minn sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tad-9 ta' Dicembru 2004 li permezz taghha l-attur odjern gie ppronunzjat debitur dikontru l-Maltacom plc ghal servizz tat-telefon li tieghu huwa kien is-subscriber uniku. Il-pretenzjoni tal-attur hija li dan is-servizz fil-fatt intuza mill-konvenut u ghalhekk qieghed jitlob ir-rifuzjoni tal-istess. Il-perjodu preskrittiv jibda jiddekorri mid-data tal-hlas mill-attur, prezumibilment wara l-pronunzja tal-imsemmija sentenza, ghax huwa dan il-hlas li sar a beneficcju esklussiv tal-konvenut, jew ta' terzi (kwistjoni din li ghalissa tithallas impregudikata) li skatta l-obligazzjoni korrispondenti tar-restituzzjoni tal-ammont hekk pagat.

Billi dan l-avviz tat-talba gie ntavolat biss ghoxrin jum wara l-imsemmija sentenza, certament ma jistax jinghad li ddekorra l-perjodu preskrittiv ta' hames snin imqanqal mill-konvenut.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------